MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH S. REFALO**

Seduta tas-26 ta' Mejju, 2006

Talba Numru. 282/2006

**John Ripard and Son (Shipping) Ltd (C-20097)
vs
Caruana Cold Storeage and Imports Limited (C-501)**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-30 ta' Marzu, 2006, fejn intqal :**
**Illi s-socjeta` attrici pprestat is-servizzi taghha ta' kiri ta' containers lis-socjeta` konvenuta.**
**Illi s-servizzi nghataw u sussegwentement is-socjeta` attrici pprezentat fatturi ta' dawn is-servizzi rezi lis-socjeta` konvenuta fl-ammont globali ta' sitt mija u erbghin lira Maltija (Lm640.00) u dan skond id-dokumenti « A1 », »A2 » u « A3 » annessi mal-avviz.**
**Nonostante dan is-socjeta` konvenuta baqghet ma hallsitx.**
**Illi sussegwentement, is-socjeta` attrici ntimat lis-socjeta` konvenuta ghall-hlas tal-fuq imsemmija**

**somma permezz ta’ ittra ufficjali, annessa u mmarkata Dok.B.**
**Is-socjeta` konvenuta baqghet inadempjenti.**
**Bhala l-ahhar attentat sabiex tirkupra dak li hu taghha, is-socjeta` attrici nkarigat lill-avukat sottoskritt, jitlob ghall-ahhar darba l-imsemmi hlas u dan skond ittra annessa u mmarkata Dok.C.**
**Din l-ahhar ittra giet konsenjata u milqugha mis-socjeta` konvenuta nhar is-6 ta’ marzu, 2006 u dan skond dokumenti D anness.**
**Illi nonostante dawn id-diversi tentattivi, is-socjeta` konvenuta baqghet ma hallsitx.**
**Ghaldaqstant kellha ssir din it-talba.**
**Bl-ispejjez u bl-interessi skond il-ligi sad-data tal-pagament effettiv.**

**Ra l-kapitolu prezentat mis-socjeta` attrici fis-16 ta’ Mejju, 2006 ghas-subizzjoni tas-socjeta` konvenuta. Ra li s-socjeta` konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta u lanqas ma deher rapprezentant taghha, u ghalhekk id-domandi attrici ghandhom jitqiesu bhala konfermati.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa t-talba attrici u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ sitt mija u erbghin lira Maltija (Lm640.00) bl-imghax legali dekoribbli mill-20 ta’ Settembru, 2005 sad-data tal-pagament effettiv, u bl-ispejjez kontra s-socjeta` konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------